**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Kurt David Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Numru: 302/2019**

**Illum, 11 ta' Dicembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kurt David Azzopardi detentur tal-karta tal-identità numru 102901L akkuzat talli nhar id-dsatax (19) ta' Mejju 2019, fil-hinijet ta' bejn 12:30hrs u 13:00hrs gewwa Bormla:

1. Bil-hsieb li jwegga lil *WPS 41 Elaine Rizzo*, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta bil-

vettura tieghu saq ghal fid-direzzjoni tal-imsemmija ***WPS 41 Elaine Rizzo***, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku b'tentattiv li jigi kagunat feriti gravi fuq persunta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volontà tieghu;

2. Ghamel offiza fuq il-persuna ta' ***WPS 41 Elaine Rizzo***, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizzi pubbliku, waqt li kien qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaha jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ***WPS 41 Elaine Rizzo u PC 989 Antoine Cesare***, ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkel jew indahal lil imsemmi ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijiethomu dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Saq vettura li bin-numru ta' registrazzjoni ***DAD-256 ta' ghamla Skoda*** b' mod traskurat, perikoluz jew negligent;

5. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ***DAD-256, ta' ghamla Skoda*** minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur t'Art. 15(1) (a) Kap. 65;

6. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ***DAD-256 ta' ghamla Skoda*** minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni u dan bi ksur t'Art. 3(1) Kap. 104;

7. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dott. M. Vella LL.D.) nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena 2019 f'dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' hamest elef ewro (€5,000) u dana bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) (3) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Kurt David Azzopardi u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra *Kurt David Azzopardi* a beneficju ta' *Elaine Rizzo* u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond it-termini tal-Artikolu 15(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba, sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tordna il-konfiska tal-corpus deliciti u cioè il-vettura tal-ghamla *Skoda* bin-numru ta' registrazzjoni *DAD-256* ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena 2019 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat li l-Qorti harget Ordni ta' Protezzjoni temporanja a favur WPS 41 Elaine Rizzo fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena 2019;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

## Ikkunsidrat

Xehed **l-Ispettur Eman Hayman** li esebixxa il-kunsens tal-Avukat Generali, ic-certifikat tat-twelid tal-imputat Kurt David Azzopardi, il-fedina penali tal-imputat, ir-rapport tal-incident, l-istqarrija tal-imputat, il-filmat tar-reat allegat u d-dettalji tal-vettura bin-numru DAD-256 mis-sistema tal-MPS.

Xehdet **WPS 41 Elaine Rizzo** li tghid li fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena 2019 ghas-siegha nieqes kwart ta' wara nofsinhar kienet qieghda ssuq bil-vettura tal-Pulizija flimkien ma' PC 989 Antoine Cesare. Tghid li kienet qieghda ssuq minn fejn il-Cafè Rich direzzjoni lejn Bormla meta vettura tal-ghamla Skoda bin-numru DAD-256 nizlet b'mod eccessiv minn Triq Pjazza Santa Margerita. Tixhed li dak il-hin waqfu quddiem tali vettura u kienet dak il-hin li lemhet lill-imputat. Izzid tghid li nizlet mill-vettura u bdiet miexja lejn il-vettura tal-ghamla Skoda u dan lejn in-naha tax-

xufier meta l-imputat saq u hi hasset ir-rota tmiss maz-zarbuna taghha. Tghid ukoll li meta saq 'l hemm, l-imputat ma saqx dritt ghal fuqha.

Tikkonferma li hi kienet irrappurtat lill-imputat darbtejn (2) – darba f'incident ta' hit and run u darb' ohra fejn l-imputat inqabad isuq bla licenzja. Tikkonferma wkoll li ma kienx hemm sejbien ta' htija fuq l-ahhar rapport.

Xehed **PC 989 Antoine Cesare** li jghid li fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena 2019 hu kien stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Bormla u li waqt li kien qieghed isuq vettura tal-Pulizija ma' WPS 41 fejn kien niezel minn Triq Gublew tal-Fidda fid-direzzjoni ta' Bormla ra vettura miexja b'velocità qawwija gejja mill-Pjazzetta ta' Santa Margerita u kif avvicinaw il-give way kemm hu kif ukoll tali vettura waqfu quddiem xulxin. Jixhed li hu gharaf ix-xufier ta' din il-vettura bhala l-imputat Kurt David Azzopardi u li WPS 41 harget mill-vettura sabiex twaqqfu. Izid jghid li l-istess WPS 41 qalet lill-imputat sabiex johrog mill-karozza u jitfi l-magna. Kien dak il-hin li l-imputat saq 'l isfel lejn in-naha ta' Bormla. Jikkonferma li WPS 41 qaltlu li l-imputat rifes iz-zarbuna taghha bir-rota tal-karozza izda ma weggghatx.

Xehed **Stephen Cachia** li qal li pprezenta dokumentazzjoni rigward il-licenzja tas-sewqan tal-imputat Kurt David Azzopardi mmarkat bhala Dok. SC1. Jikkonferma li mir-ricerka li ghamel irrizultalu li l-istess imputat ma ghandu ebda kategorija tal-licenzja tas-sewqan.

Xehed **Dr Christopher Spiteri** li jghid li kienet tezisti polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura bin-numru DAD-256 li ghalqet fit-tletin (30) ta' April tas-sena 2019 f'isem certu Josephine Zammit. Ikompli jghid li l-polza regghet giet rinnovata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena 2019 u allura jikkonkludi li fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena 2019 il-vettura bin-numru DAD-256 ma kellhiex polza ta' assikurazzjoni. Jixhed li dan kollu gie redatt f'rapport immarkat bhala Dok. CA1.

Illi fl-istqarrija tieghu l-**imputat Kurt David Azzopardi** li nghatat bil-kawteli kollha permissibbli fil-ligi, qal li fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena 2021 kien qieghed isuq karozza tal-ghamla Skoda minn Bormla. Jghid ukoll li hu m'ghandux licenzja tas-sewqan u jammetti li gieli gie mitkellem mill-Pulizija fuq dan il-fatt. Jghid ukoll li ghandu kazijiet pendenti fil-Qorti u li hu minnu li x'hin kienet miexja lejh WPS 41 hu saq u telaq 'l hemm.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi rigward l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza, ghalkemm gie allegat li l-imputat rifes saqajn WPS 41 bir-rota tal-karozza tal-ghamla Skoda bin-numru DAD-256, ix-xhud PC 989 Antoine Cesare stqarr bil-gurament li hadd ma wegga':

| | |
|---|---|
| *"Dr. F. Debono* | *Weggghax, ara nghidlekx sew li ma wegga' hadd f' dan l-incident hux hekk?* |
| *Xhud* | *Le, le ma kienx hemm injuries."* |

Illi oltre minn hekk WPS 41 Elaine Rizzo tixhed hekk:

| | |
|---|---|
| *"Xhud* | *Ma saqx dritt ghal fuqi, ma saqx dritt.* |
| *Dr. M. Mifsud* | *Ma saqx dritt.* |
| *Xhud* | *Dritt ghal fuq ma saqx."* |

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta li l-imputat qatt ma kellu l-*mens rea* li jikkawza offiza fuq il-persuna tal-parte civile, iktar u iktar meta wiehed iqis dak li intqal minnu stess fl-istqarrija tieghu, u cioè li hu harab mil-lok tal-allegat reat stante li kien jaf li kien qieghed isuq bla licenzja u beza' milli jinqabad mill-pulizija.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li lanqas ma ngab certifikat mediku li jikkonferma l-offiza allegata u ghalhekk il-Qorti mhijiex ser issib htija ghar-rigward l-ewwel zewg (2) akkuzi.

Illi rigward it-tielet (3) akkuza li tittratta in-nuqqas da parti tal-imputat milli jobdi ordnijiet legittimi moghtija lilu minn WPS 41 Elaine Rizzo u PC 989 Antoine Cesare, il-Qorti taghmel ampja referenza ghall-istqarrija tal-imputat fejn jintqal hekk:

> *"M Wara li sehh dan, mill-vetturat tal-Pulizija, harget Pulizija mara fejn ordnatleek sabiex titfi l-karozza li kont qed issuq. Tista' tghidli x' ghamilt f' dak il-hin?*
>
> *T Waqaft u mhux hi qaltli, issa dak li kien qed issuq,* ***kif kienet gejja tkellimni, soqt*** *imma hi ma resqitx lejja."*

Illi ghalhekk jirrizulta mill-istqarrija li l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet moghtija lilu tant li mmanuvra l-karozza u saq lil hinn mill-vettura tal-parte civile. Ghalhekk din l-akkuza tinsab ampjament ippruvata.

Illi dwar il-hames (5) akkuza u cioè dik li l-imputat saq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, il-Qorti tinnota li l-imputat fl-ebda hin ma pprezenta polza sabiex juri l-kuntrarju.

Illi l-imputat però jsostni li ma kienx hu s-sid tal-karozza. Illi dan l-argument ma jsibx bazi legali stante li d-dicitura tal-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta tghid is-segwenti:

> *"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza,* ***ħadd ma jista' juża*** *jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza"*

Mill-banda l-ohra l-parte civile qalet bil-gurament li kien l-imputat li kien qieghed isuq il-vettura mertu tal-kaz. Dan il-fatt gie kkorroborat mix-xhud PC 989 Antoine Cesare li wkoll gharaf lill-imputat u dan minkejja l-fatt li l-filmat esebit. Illi inoltre l-imputat kellu d-dover li jiccekkja minn qabel li dik il-vettura li kien qed isuq kienet verament tajba sabiex tintuza fit-triq.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li kien proprju l-imputat li kien qed isuq. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita l-kredibilità tal-parte civile, b'mod specjali meta l-imputat lanqas biss innega tali verzjoni. Apparti minn hekk il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi necessarji sabiex tipprova oltre' kull dubju li l-imputat ma kellux licenzja adatta u b'hekk *multo magis* ma kellux polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni; ghaldaqstant il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi jirrizultaw ippruvati.

Illi mit-testimonjanza tal-parte civile jirrizulta wkoll li s-sewqan tal-imputat kien wiehed b'velocità eccessiva waqt li hi u PC 989 kienu fuq ir-roundabout ta' Café Riche jsuqu lejn Bormla. L-imputat saq ghal fuq l-istess roundabout b'tali mod li l-karozzi spiccaw weqfin quddiem xulxin stante li l-istess imputat baqa'

hiereg minghajr ma ezercita kawzjoni fuq il-giveway. Illi in oltre x-xhud PC 989 Antoine Cesare qal hekk fix-xhieda tieghu a fol. 30:

*"Pros:* *Okay, mela hemm semmejt illi, illi qabel mal-karozzi taghkom waqaftu rajtu din il-vettura ssuq, rajtu din il-vettura ssuq. Tista' tispjega l-Qorti kif kienet qieghda ssuq din il-karozza?*

*Xhud:* *Kien gej bi speed eccessiv, ma mhux gej illi ha jsuq ghal fuq give way biex jieqaf."*

Illi a rigward sewqan traskurat u eccessiv qed issir referenza ghas-sentenzi tal-Qrati taghna fosthom dik fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Alfred Mifsud</u>** (QA Kriminali 6/05/1997) fejn gie ritenut illi:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l- ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod*

*jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jieħu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c- cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu*

*kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."* ;

Illi ghaldaqstant gialadarba l-imputat, bl-agir tieghu ta' sewqan eccessiv, non kuranza ta' rispett tal-ligijiet tat-triq, tal-fatt illi huwa kwazi tela' bil-karrozza fuq sieq l-ufficjal tal-pulizija anke jekk dan ma riedx iweggaghha u gialadarba bis-sewqan tieghu rnexxielu jikkreja kommozzjoni ta' traffiku, tali sewqan ghandu jigi kkunsidrat traskurat, bla kont u perikoluz.

Illi ghar-rigward is-seba' (7) akkuza, u cioè dik ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-libertà provvizorja, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova necessarji sabiex tipprova li tali kundizzjonijiet kienu in vigore fid-data tal-allegat reat ghalhekk sejra ssib lill-imputat mhux hati ta' tali akkuza.

Illi a rigward il-piena l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 3 (2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè:

*"Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati -*

(a) *fil-kaz tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletinċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbatelef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;"*

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li l-piena idonea ghandha tkun wahda pekunjarja u fil-minimu u dan abbazi tal-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 (2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Kurt David Azzopardi** hati tat-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontrih u wara li rat l-Artikolu 3 (2)(a) tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37) filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1), mit-tieni (2) u mis-seba' (7) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti qieghda tordna wkoll l-iskwalifika tal-hati **Kurt David Azzopardi** milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum u dan skont it-termini tal-Artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**